*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala B'urġenza**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 23**

**It-Tnejn 17 ta' Mejju 2021.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Patrick Camilleri-Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier

**ASSENTI:**
John Schembri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**23.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm zewġ ittri t'apoloġiji.

**23.5** ***Rapporti:***

**23.5.1** **KLM 2021/01 Works for the upgrading of Saint Anne's garden Marsaskala using various environmentally friendly manners.**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi t-tender ħarġet u kellna ħames offerenti. Hu qal illi meta l-bord beda jewalva l-offerti u wara li ntbgħatu ħafna kjarifikazzjonijiet irrizulta illi ħames bidders ġew *'technially non compliant'* u dan għandu jigi implimentat sa l-aħħar ta' Diċembru. Hu qal illi bgħat lis-Segretarju tal-Gal Xlokk biex naraw jekk jistgħux ituna estensjoni u fil-frattemp qed naħdmu fuq modifikazzjonijiet fit-tender il-ġdid għalhekk f'din il-laqgħa l-kunsilliera għandhom jiddeċiedu hux qed jaqblu mad-deċizjoni li ħadu l-bord fejn iddeċiedew li l-*bidders* huma *'technically non compliant'* u jaqa t-tender u jerġgħa jinħareġ tender ġdid fejn ser jiġu modifikati xi zbalji li setgħu jiġu irranġati min naħa tagħna anke jekk l-izballji ma kienux min naħa tagħna għaliex l-kwistjoni kienet li l-Kunsill talab għal litter bins li għandhom ikunu min materjal riċiklat u li jkun tajjeb għal lokalita bħal Marsaskala u jkunu rezistenti għar-raxx tal-baħar.

Is-Sindku staqsa jekk hux kollha ħadu zball fuq l-istess item.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kollha ma tawnix it-tip ta' materjal li ridna aħna pero kien hemm bidders oħra li waqgħu fuq affarijiet oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jissuġerixxi li noqgħodu attenti li ma nerġawx nirrepetu l-istes zball u jekk kien hemm xi ħaġa li ma kinitx ċara ttiġi rranġata.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi jista jkun hemm diffikulta bit-template tat-tender ukoll.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fit-tender il-ġdid ħa ngħidu li l-litter bins iridu jkunu rezistenti għar-raxx tal-baħar u mhux ser insemmu l-materjal li ridna dan għaliex l-istandards ta' barra min Malta huma li jagħmluhom bil-powder coating imma dan mhuwiex b'saħħu bizzejjed għal dak li irridu aħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk jistgħux ikunu tal-istainless steel.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li ħa jkun ta' materjal adekwat għal lokal ħdejn il-baħar.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk nistgħux nagħtu l-fakulta li dawn il-bidders ituna l-items li tlabna la darba kollha kemm huma waqgħu fuq l-istess item.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma tistax issir ghax bidder wieħed biss waqa biss fuq il-bins fl-oħrajn kien hemm issues oħra.

Kien hemm qbil unanimu li jaqa t-tender u jinħareġ wieħed ġdid.

**23.7** **Korrispondenza:**

**23.7.1 <u>Stima ta' Ġnien San Tumas:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan is-suġġett kien diġa ġie diskuss fl-aħħar seduta u kien informa l-Kunsill li l-Gvern ħareġ l-iskema ta' restawr ta ċertu ġonna u playing fields u fis-seduta li għaddiet approvajna stima approssittiva biex issir manutenzjoni ta' Ġnien San Tumas u l-Perit għamlet r-rapport tekniku u l-istima trid jinbidel fejn issa l-istima tammonta għal €40,000 u tinvolvi manutenzjoni u bdil ta' apparat.

Is-Sindku staqsa jekk il-flus ser jiġu refunded mill-Gvern.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal il-Kunsill joħrog 20% u l-kumplament min naħa tal-Gvern.

Is-Sindku qal illi tajjeb ngħamluha ċara li Ġnien David Vella ser isir mill-elektrogas.

**23.8** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-pagamenti li daħlu tard sabiex jitħalsu:

Doreen Mintoff-Invoice 21-018 - Accounting services for period 01.05.21-31.05.21 – Eur759.92

Doreen Mintoff – Invoice 21-019 - Evaluation of KLM 21-001 5 meetings & reviewing of minutes – Eur708.00

Doreen Mintoff-Invoice 21-017- Accounting services for the period 01.04.21-30.04.21 - Eur759.92

**23.8.1** John staqsa fuq pagament numru 2439 2440 u staqsa jekk dawn humiex il-konsultazzjoni li jaraw il bini tal kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi armor consultants huma l-health and safety officers li jagħmlu rapport kull ġimgħa u jiġi sottomess lil OHM li din hija rekwizita li suppost issir kull min ikun qed jibni li x-xogħol mwettaq ikun qed isir b'mod tajjeb.

**23.8.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa 2466 ta' €800 ta 5 canes of wood ta xix inhuma.

Is-Sindku qal li dawn se jiġu rimborsati mill-MTA. Dawn huma njam li ntuza għal embellishment tal-ħwat f'San Tumas.

Is-Sindku qal illi hu bagħat lil MTA l-istima taz-Zonqor kif ukoll ta' railing mid-dar il-ħamra sal pitch,stima tal-biċċa blata u stima ukoll biex nirranġaw ta fuq l-abjad u ser jinbena ieħor u qed nistennew permess mill-ERA.

Il-Kunsillier is Sur John B Camilleri qal illi fuq il-latrina ta' Zonqor hemm il-membrane li qed jinqala u hemm bzonn li nduruha.

Is Sindku qal illi ninfurmaw lill MTA peress illi qed isir maintenance fuqha diġa.

**23.8.3** Il-Kunsillier is-Sjohn 2468 u 2469 staqsa x'inhu l-overtime ta dawn il-ħaddiema.

Is-Sindku qal li mhux suppost għandhom overtime għaliex għandu jitħallas min naħa tal-kuntrattur.

Is-Sindku qal illi tajjeb niċċekjaw fuqha.

**23.8.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fuq il-kenniesa hu diġa tkellem fl-aħħar laqgħa għamlu tindifa ta nofs it-triq u l-kumplamet m'għamluhx.

Is-Sindku qal illi huma dejjem qdewna pero issa ser ikunu erba fuq ix-xogħol u mhux wieħed minnhom ikun fuqhom u ser jibdew bir-''roaster'' kif suppost u għandna nmorru aħjar.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jista jgħid fuq it-triq tiegħu għaliex jara b'għajnejh u l-ħaxix irid jinqata li jkun hemm fuq il-bankina kemm il-darba jgħaddi fit-triq tiegħu taparsi qed jiknes u ma jkun kines xejn.

Is-Sindku qal illi ħadu azzjoni wara li kellimhom il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan mhux kif għandu jsir ix-xogħol għaliex għandu jsir xogħol sew mill-ewwel.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ssekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

- Il-Kunsillier is Sur John B Camilleri qal illi hemm persuna li ġie joqgħod f'Marsaskala u qiegħed f'għaqda tal-folklor,kompla jgħid illi ltaqa miegħu u hemm ħafna Kunsilli oħra li qed jieħdu sehem f'din l-attivita' li qed jipproponu li ssir rigward l-ħlas jieqfu fil-lokal ta' Marsaskala b'vetturi tagħhom fis-Sette Giugnio. Huma ser ikollhom anke nies li jduru bir roti u ta' siegħa l-ispiza tkun ta' €200 bħala donazzjoni tas-servizz jew inkella €125 għal nofs siegħa.

  Is-SIndku staqsa jekk dan hux ħlas ta' darba.

  Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi huwa ħlas ta' darba.

  Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kellu f'moħħu li jduru siti li huma storiċi u jekk naqblu niltaqaw bix nagħmlu r-rotta.

  Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għandhom vetturi tagħhom bil-kostumi tagħhom li jdawru lin-nies ma postijiet storiċi.

  Kien hemm qbil unanimu.

**23.10** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-6:30pm. Il-laqgħa Pubblika ser issir l-Erbgħa 26 ta' Mejju 2021 u l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 9 ta' Ġunju 2021 .

Ikkonfermat illum 17 ta' Mejju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Janice Falzon** |
| Segretarju Ezekuttiv | Viċi Sindku |